# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 134**

**Citaz. numru: 1518/98 M1 NA**

**Catharina Harvey**

**vs**

**Christopher Andrew Harvey; u b'nota tas-26 ta' Lulju 1999 Dr. Peter Caruana Galizia accetta li jidhol bhala kuratur ta' l-assenti Christopher Andrew Harvey; u b'digriet tal-5 ta' Awissu 1999 Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut li hu assenti minn dawn il-Gzejjer; u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 1999 d-digriet tal-5 ta' Awissu 1999 gie revokat *contrario imperio*.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-15 ta' Lulju 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Gunju 1990 u issa huma separati *de facto* u l-konvenut mhux qed ighaddi manteniment lill-attrici meta hu obbligat legalment li jaghmel dan;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiffissa manteniment ghall-attrici;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' manteniment lill-attrici fil-modalitajiet li thoss xierqa din il-Qorti u okkorrendo direttament mill-paga tal-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut ma giex notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh mill-Ufficjal tal-Qorti peress illi meta dan mar biex jaghmel in-notifika fid-19 ta' April 1999 huwa gie nfurmat illi l-konvenut kien imsiefer.

Korrettement ghalhekk fit-22 ta' Gunju 1999 l-attrici talbet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti u, wara l-hrug tas-soliti bandi fis-6 ta' Lulju 1999, b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-5 ta' Awissu 1999 gew nominati kuraturi deputati l-Avukat Dottor Vincent Galea w il-Prokuratur Legali Davina Sullivan. Sadanittant, pero', b'nota tas-26 ta' Lulju 1999 l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia ddikjara "*illi huwa jaccetta illi jidhol bhala kuratur ta' l-assenti Christopher Andrew Harvey fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet ta' fuq u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti*." Kien ghalhekk illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 1999 il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tan-nomina ta' kuraturi tal-5 ta' Awissu 1999. L-istess Dottor Peter Caruana Galizia ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh u inghata kopja seduta stante f'din l-istess seduta. L-*iter* ta' dawn il-proceduri preliminari biex hekk jissejhu huma rilevanti in vista ta' l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu tat-28 ta' Ottubru 1999 fejn eccepixxa preliminarjament:

1. "In-nullita' tac-citazzjoni stante li giet prezentata fil-15 ta' Lulju 1998 kontra persuna li ma kienitx prezenti f'dawna l-gzejjer f'dik id-data;

2. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti (Art. 74 u 742 Kap. 12) stante li l-konvenut huwa domiciljat l-Ingilterra u residenti l-Libya u l-attrici mhiex ta' nazzjonalita' Maltija u mhiex legalment residenti hawn Malta a tenur ta' l-Artikolu 7 Kap. 217 izda biss prezenti fuq *tourist visa*."

Ikkunsidrat:-

Dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta mid-dokument esebit mill-konvenut nomine fl-14 ta' Frar 2001 (Dokument "AH1" a fol. 26 tal-process) kif ukoll kif huwa ammess mill-istess nota illi minkejja illi l-konvenut ma kienx prezenti f'Malta fil-15 ta' Lulju 1998 huwa vizitatur frekwenti f'dawn il-Gzejjer fejn jirrizulta, anke mill-istess eccezzjonijiet, li ghandu anke proprieta'. Minn ezami ta' l-istess dokument infatti jirrizulta illi l-konvenut ma kienx Malta biss bejn it-3 u l-10 ta' Lulju 1998 u rega' kien Malta bejn l-1 u l-11 ta' Awissu 1998 izda li kien ukoll Malta almenu fi Frar, April u Ottubru tal-1998. L-attrici ghalhekk kienet gustifikata li tipprova tinnotifika lill-konvenut personalment. Meta r-riferta kienet negattiva hija minnufih bdiet il-proceduri korretti biex huwa jkun rapprezentat f'din il-kawza kif stipulat mil-ligi. Dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll il-fatt illi f'dan l-istadju l-konvenut huwa korrettement

rapprezentat mill-kuratur tieghu flimkien ma' dak li hemm provdut fl-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-atti gudizzjarji jwasslu lill-Qorti ghac-cahda ta' dinn l-eccezzjoni fis-sens li c-citazzjoni ghandha tigi annullata ghal din ir-raguni u dana bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni frankament din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid ma' dak minnha deciz fil-kawza "Catharina Harvey vs Dr. Peter Caruana Galizia nomine" - Citaz. Nru. 2670/99 NA - deciza in parte fit-22 ta' Gunju 2001 fejn eccezzjoni identika moghtija f'dik il-kawza giet michuda minn din il-Qorti.  Il-Qorti ghalhekk taghmel piena riferenza ghar-ragunijiet minnha moghtija f'dik il-kawza u peress illi ma ngabet ebda raguni legali valida l-ghala ghandha tvarja dak minnha deciz ghal dawk l-istess ragunijiet qieghdha wkoll tichad din it-tieni eccezzjoni, identika f'din il-kawza ghall-kawza l-ohra u dana wkoll bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.